**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 650/2019*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**

**-vs-**

**George-Bogdan Cristiean, detentur tal-Karta tal-Identita` Rumena bin-numru 1890417170079.**

**Illum:** 13 ta' Jannar, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **George-Bogdan Cristiean** u cioe` talli:

Nhar it-28 ta' Ottubru, 2019, għall-ħabta ta' bejn is-sitta u kwart ta' filgħodu (06:15hrs) u s-sebgħa neqsin kwart ta' filgħodu (06:45hrs) ġewwa l-istabiliment Clique fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan:-

1. Ikkommetta serq ta' 'flus kontanti' fl-ammont ta' sebgħin ewro (€70.00) u 'mobile phone' tal-għamla Samsung S9+ tal-valur ta' sebgħa mija u sittin ewro (€760.00), għad-detriment ta' **Consiglia Grech** (ID: 0334469M), liema serq huwa aggravat bil-'valur';

2. Kellu fil-pussess tiegħu jew uża arma pprojbita, u ċioe' gass tad-dmugħ (pepper spray), kontra dispożizzjonijiet tat-Taqsima II tal-Ordinanza dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Kellu fil-pussess tiegħu jew uża arma pprojbita, u ċioe' mus tal-molla (*flick knife*), kontra d-dispożizzjonijiet tat- Taqsima II tal-Ordinanza dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Ġarr il-barra minn xi fond jew id-ditorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xortas jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. Irrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mill-Qrati tal-Maġistrati, liema sentenza saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

6. Ikkommetta reat ta' natura volontarja waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL.D., nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Diċembru, 2018;

   Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjea li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-

Il-**Current Incident Report** juri li wara serqa fl-istabbiliment Clique, il-halliel kien gie mizmum mis-*securities* tal-istess stabbiliment. Il-parte leza Consiglia Grech spjegat kif kienet fit-toilet u poggiet il-*handbag* warajha fuq il-*flushing* meta xi hadd ittawwal ghal got-toilet u hadilha il-mobile u madwar €70 cash. Pogga' l-basket lura w harab. Grech kompliet li harget fejn is-*security* meta deher ukoll l-awtur li gie mizmum mis-*securities.* Minn tfittxija li saret fuqu nstab *pepper spray,* mobile phone u *flick knife* b'xafra ta 10cm. Meta gie *patted down* instab il-mobile ta' Grech mohbi fil-qalziet ta' taht tieghu. Hekk kif Grech ikkonfermat li kien propju il-mobile taghha, l-awtur tas-serqa harab minn fuq il-post. Grech marret taghmel rapport l-ghassa fejn lemhet lill-imputat hdejn McDonalds qrib l-ghassa. Dan ftit wara gie detenut u peress li deher li kien sofra xi griehi, issejjhet ambulanza li haditu Mater Dei fejn gie certifikat li soffra griehi gravi. *A tempo vergine* Grech stqarret li l-mobile li kien tal-ghamla S9+ kien jiswa xi €800. Dan gie rritornat lilha.[1] L-imputat innega li l-*pepper spray* u l-*flick knife* kienu tieghu w cahad li kien wettaq xi serqa.[2] Semma' kif gie msawwat minn xi Libjani barra Clique. [3] Dan ir-rapport gie kkonfermat minn PS780 Ian Camilleri.[4]

**L-ispettur investigattiv Joseph Xerri** taha rendikont tar-rapport dwar serqa minn Clique. *"Hemm hekk il-pulizija kienu infurmati minn certu Consiglia Grech li waqt li hi kienet fit-toilet persuna maskili kien dahal gewwa t-toilet ta' nisa gibed il-handbag taghha, hadilha l-mobile u xi flus minn go fih u hareg il-barra. Is-sinjura Grech kienet harget tkellem lis-securities flimkien mal-partner taghha u qaltilhom jekk kienux*

[1] Fol.12
[2] Fol.13 u 15-16
[3] Fol.15-16
[4] Fol.29

*raw lil xi hadd hiereg il-barra, fejn qalulha li kull ma kienet harget kopja. Waqt li qed tkellem lis-securities hi rat lil George- Bogdan Cristiean li qed naghraf hawn hekk fl-awla bhala l-imputat li kien hiereg minn go l-istess Clique Club u dak il-hin gharfitu bhala l-persuna li kien serqilha l-handbag. Is-securities waqfuh, ghamlulu s-search fuqu fejn sabu diversi affarijiet fosthom sabu flick knife, kif ukoll pepper spray li qed nipprezenta gewwa evidence bag S 01492952. ......minn aktar tfittxija fuq il-persuna gewwa l-qalziet ta' taht ta' sur Cristiean sabu l-mobile ta' din is-sinjura. Dak il-hin is-sinjura fethet il-mobile taghha, s-securities ghaddewulha, Cristiean b' xi mod illiberal ruhu u hareg jigri l-barra. Is-sinjura umbghad kienet nizla lejn l-ghassa u inzertat lil istess Bogdan Cristiean li kien nizel l-ghassa, intaqaw quddiem il-Mc Donalds. Hemm hekk qamet kommossjoni, il-pulizija semmaw l-ghajjat minn go l-ghassa, hargu u sabu liz-zewg persuni qed jilletikaw hemm barra….Bogdan Cristiean u Consiglia Grech.".* Kompla li s-security ta' Clique, Carmel Zammit, kien ghamel tfittxija fuq l-imputat minn fejn eleva numru ta' oggetti. [5]

**Il-*flick knife* u l-*pepper stray* gew esebiti in atti**[6] w moghtija **Exhibit No. KA396/2019**.[7] Isegwi li l-abbli difensur tal-imputat mhux korrett meta fit-trattazzjoni minn tieghu jissottometti li l-*pepper spray* baqa' ma giex esebit in atti.

**PS 780 Ian Camilleri** xehed li gie nfurmat li persuna giet mizmuma quddiem Clique. *"Jiena tlajt fuq il-post ezattament quddiem Clique fejn hemm hekk innutajt lis-security bl-isem Carmel Zammit, ID card number 238564M, illi deher li f' idu kellu wallet, **pepper spray kif ukoll kellu flick knife**. Is-sur Zammit beda jispjega illi kien hemm sinjura li avvicinathom fejn qalet li kienet sfat derubata gewwa l-istess stabbiliment minn gewwa cubicle gewwa t-toilet. Infurmathom meta rat li l-persuna l-*

[5] Fol.24-25
[6] **Dok.JXZ** a fol.22 u 24
[7] Fol.27

*aggressur li kien seraqha kien tila minn gewwa l-istess club, u sussegwentement kienu waqfuh. Huwa stqarr is-security li minn fuq il-persuna tieghu hadu l-imsemmija affarijiet igifieri l-mus, il-wallet, kif ukoll l-pepper spray, kif ukoll il-mobile li kien elevawh li kien fil-parti tal-warrani tieghu…..Il-mobile li allegatament gie misruq inhebba mill-aggressur fil-qalziet ta' taht mal-warrani u haduh u elevawh minn hemm hekk. Sussegwentement huma qalu li x' hin hadulu l-affarijiet u gie f' sitwazzjoni fejn inqabad telaq minn fuq il-post. Jiena infurmajt hemm hekk tkellimt mal-vittma li kienet Consiglia Grech, numru ta' l-ID 334469M fejn infurmajta sabiex tmur l-ghassa ta' San Giljan sabiex taghmel ir-rapport formali, filwaqt li jiena naghmel ir-rondi fl-akwati sabiex nara insibx l-imsemmi aggressur. Jiena kelli l-ID tieghu fil-pussess tieghi, ovjament dik setghat tghini sabiex niddentifika min hu f' kaz li narah. Mir-rondi li ghamilt ma rrizultawx u kif inzilt gewwa l-ghassa ta' San Giljan innutajt li kien hemm kommossjoni fejn hemm hekk kien hemm diga l-vittma l-ghassa kif ukoll persuna illi kien diga qieghed detenut. Il-pulizija infurmawni ta' l-ghassa li kienu arrestaw lil certu George Bogdan Cristiean, l-istess wiehed li jiena kelli l-ID card tieghu kieent fil-pussess tieghi li qieghed naghrfu hawn hekk fl-awla bilqeghda. Huwa gie infurmat bl-arrest tieghu kif ukoll gie moghti s-soltu twissija u d-drittijiet legali tieghu.".*[8]

Ikkonferma li l-*flick knife* kellha xafra ta' madwar 10cm kif ukoll gharraf il-*pepper spray* esebit in atti, bhala dak  li gie mghoddi lilu mis-security *"dawn gew mghoddija lili minghand is-security".*[9] Ikkonferma li fuq l-imputat ma nstabux flejjes f'ammonti kbar imma xi €30. Il-mobile phone gie rritornat lil Grech fuq il-post.[10]

**Consiglia Grech** spjegat kif meta dahhlet fit-toilet *cubicle* poggiet il-*handbag* warajha fuq il-*flushing* u hekk kif f'hin minnhom harset il-fuq lejn il-*partition*

---

[8] Fol.28-29
[9] Fol.30-31
[10] Fol.32

bejn *cubicle* u ohra, rat ragel jiddendel l-isfel bic-cinga tal-*handbag* f'idejh. *"Niezel ghal fuq il-flushing waraja u jiena kont qeghda hekk ghax kont qeghda fuq it-toilet. Il-partner tieghi qed jhares lejha qieghed wiccu lejha allura lilu ma rahx mal-ewwel, ic-cing rajt niezla. X' hin dan jien qbadt il-handbag u l-boyfriend tieghi qallu bhal speci inzel, x' inhu jaghmel qisu qed jhares. Jiena qbadt il-handbag u l-handbag sibtu miftuh u hassejtu hafif mal-ewwel. U ghetlu "hadli l-mobile, hadli l-mobile." U provajna nifthu u anka l-partner tieghi u ma stajnix nifthu mal-ewwel, bil-fixkla ghax ma kien hemm hadt wara l-bieb. Ftahna u hrigna dritt biex nohorgu ghal vicin l-entratura ta' barra, ghax jiena naf li bniedem hadli l-mobile ha jitlaq il-barra."*[11]. Gharfet lill-imputat bhala l-halliel.[12] Harget tigri lejn is-*security* u qaltlu li serqulha il-mobile.

Grech tghid cjar u tond li l-mobile taghha kien **Samsung S9+ u kien jiswa madwar €760**.[13] Kif kienet ghada hdejn is-*security* rat lill-imputat hiereg il-barra, infurmat lis-*security* li dak kien ir-ragel li kien ghadu kemm hadilha il-mobile izda l-imputat qalilha *"I don't have mobile"*. Is-*security* lahaq qabdu w zammu: *"Waqqafnih kollha, hu fittixlu u hariglu l-mobile min naha li mhux tieghi minn gol-but ghax jiena kont qed inhares lejh. …u n-naha l-ohra [fil-but] kellu l-**pepper spray u mus**."*[14]

Tkompli *"Mela tajuli f' ideja, qalli kien fil-patata ghax minn wara, ghax vera fil-gnub ma kellu xejn. Fil-patata minn wara hareg il-mobile tieghi, jiena ghafastu biex nara l-screen u ghetlu dak tieghi. Ghax l-iehor li tani ma kienx tieghi u ergajt tajtulu lura, imma dak kien tieghi t-tieni wiehed. Cemplu lill-pulizija, gew il-pulizija u qaluli biex ninzel l-ghassa ta' San Giljan. Ahna morna ghal karozza jiena u l-partner tieghi, u ahna u sejrin lejn l-ghassa narah fuq il-bankina nerga, kwazi wasal l-ghassa hu,…. u jiena*

---

[11] Fol.35
[12] Fol.35
[13] Fol.36
[14] Fol.36-37

*dhalt go l-ghassa ghetilhom "ijsa ijsa hawn hekk qieghed." ...mixi fuq il-bankina wahdu bla flokk, kien bla flokk dak il-hin.".*[15]

Ix-xhud tikkonferma li l-pepper spray u l-flick knife esebiti in atti kienu propju dawk li rat lis-security jeleva minn fuq l-imputat *"Iva dawk huma ghax dak il-hin x' hin hariglu l-affarijiet minn gol-but dawk kienu u l-mobile l-iehor li ma kienx tieghi."*[16].

In kontro-ezami tghid li z-zip tal-*handbag* kien maghluq izda x'hin sabitu dan kien miftuh. Tkompli tiddeskrivi dak li rat meta kienet got-toilet *cubicle* bl-imputat tarah *"Imdendel gha go toilet fejn kont qeghda jiena. Jiena qeghda fuq it-toilet u hu imdendel qed jpoggi l-handbag….Il-basket rajtu imdendel ghal waraja, jiena qbadtu, u* ***kif qbadtu hassejtu hafif li tinduna li ma fih xejn…..jiehdu ma rajtux, jpoggih rajtu mhux jiehdu****. Kieku rajtu jiehdu nahseb li kont nigbdu.".*[17] Il-mobile xtratu madwar sena qabel.

Ghaldaqstant mix-xhieda ta' Grech gie ampjament ippruvat il-valur tal-mobile li kien tal-ghamla **S9+**, inxtara madwar sena qabel **ghall-prezz ta' €760**. *A tempo vergine* hi kienet qalet madwar €800 u b'hekk ma tirrizulta l-ebda inkonsistenza da parti taghha.

Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx li ma giex ampjament ippruvat l-aggravju tal-valur rigward is-serq. Mhemmx dubbju li mobile Samsung S9+, u wiehed mixtri madwar sena qabel, fil-fehma tal-Qorti **altru` li jeccedi l-ammont ta' €232.94** u b'hekk gie sodisfatt ir-rekwizit li ssir prova li s-serq kien wiehed aggravat bil-valur ai termini tal-artikolu 267 tal-Kodici Kriminali.

---

[15] Fol.38
[16] Fol.39
[17] Fol.40

**Vitali Levandovski** jixhed *"We were in the club in Paceville Clique. We went in the toilet, I went with my girlfriend because she went to the toilet. She left her handbag on behind her on the flushing and then we saw it the man from the other cabin, half of him out, from the top. He was putting her handbag on the flushing....... When she took the handbag in her hand she opened it because she said it is too light, when she opened it she started to shout, there is no mobile and we went straight to go out you know from there. We went out in door I mean and there were securities guards, my girlfriend she started to like shout and telling them did you see the person running out from here because he stole my mobile one guy. And in that time the guy she went out from the Clique and immediately she and immediately both of us said yes that is him that is this guy and the securities told him listen, show me your pocket what you had. From his pocket he took the knife, pepper spray and mobile. Then that mobile he give to my girlfriend but she said no it is not my mobile, and the security started to search and he found her mobile in trouser in his ass."*[18].

**Carmel Zammit**, *security* ma Clique, xehed kif wara li kien hemm ilment minghand mara li sfat misruqa w indikatlu minn min, hu pproceda billi *"Zammejtu mal-hajt, fittixtlu, hrigtlu mus u pepper spray, wallet u mobile.... Mobile kien tas-Sinjura..... Kien go sormu fuq wara tal-qalziet ta' taht"*.[19]

**WPC33 Jerline Urray Sant** kkonfermat li l-imputat ma ghandu l-ebda licenzja biex izomm armi (*weapons licence*) registrata fuq ismu.[20]

**Keith Cutajar**[21] esebixxa r-rapport tieghu[22] li fih tnizzlu numru ta' *stills* minn *cctv footage*. F'numru minnhom jidru l-parte leza, ix-xhud Levandovski, l-

[18] Fol.43-44
[19] Fol.47-48
[20] Fol.44-46
[21] Fol.55-56
[22] **Dok.KC** a fol.58 et seq.

imputat u securities hdejn l-entratura ta' Clique fejn jidher cjar li kien hemm alterkazzjoni bejn dawn il-persuni.

Gie esebita sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Gabriella Vella fil-konfront tal-imputat datata s-26 ta' Dicembru, 2018, li minnha jirrizultaw il-konnotati tal-imputat.[23] Dik is-sentenza kienet ikkundannat lill-imputat ghal sentejn prigunerija li gew sospizi ghall-erba (4) snin.

Fid-dawl tal-provi prodotti, filwaqt li mhemmx dubbju dwar is-serq tal-mobile phone ta' Grech u dwar il-valur tieghu li jecedi l-€232.94c, ma giex soddisfacentment ppruvat l-ammont tal-flus kontanti li kienu fil-*handbag* ta' Grech u li konsegwentement gew misruqa.

Fuq dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi kif ser jinghad:

Filwaqt li mhemmx dubbju li jirrizultaw l-ewwel erba' akkuzi in kwantu ghas-serq tal-mobile phone u in kwantu ghaz-zamma fuq il-persuna tal-imputat tal-*pepper spray* u tal-*flick knife*, fir-rigward tal-hames akkuza u cioe` dik li l-imputat ghandu jitqies recidiv, l-imputat ma jistax jinsab li hu recidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali tenut kont li dan l-artikolu jesigi li biex jinsab recidiv f'delitt l-imputat irid ikun "skonta" il-piena fuqu imposta. Issa fil-kaz in dezamina jirrizulta li l-imputat gie kkundannat ghall-sentenza sospiza ghall-perjodu ta' 4 snin moghtija lilu f'Dicembru, 2018 - anqas minn sena qabel! Certament ghalhekk ma jistax jinghad li "skonta" xi piena fuqu imposta u konsegwentement ma jistax jinstab hati li hu recidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

[23] **Dok. JXZ** a fol.109-112

Dan ir-ragunament izda ma japplikax fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali fejn hawnhekk il-ligi issemmi biss "kundanna".

Gie ampjament ippruvat mill-prosekuzzjoni li l-imputat wettaq reati li dwarhom qed tinstab htija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza w ghaldaqstant is-sitt imputazzjoni wkoll tirrizulta.

Dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab htija, tal-fedina penali tal-imputat, tal-fatt li dan ma gharafx issarraf l-opportunita` moghtija lilu minn Qorti ohra biex jirriforma ruhu, u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 261(c), 267, 279(a) u 289 tal-Kodici Kriminali, tal-artikoli 3(a), 6 u 51(1)(a)(7), l-Iskeda I, it-Taqsima II tal-Ordinanza dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel erba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-artikoli 49 u 289 tal-Kodici Kriminali, u tikkundannah ghal **ghoxrin (20) xahar priginerija u multa ta' €116.47c.**

Inoltre` l-Qorti wara li rat l-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qed tordna illi s-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat nhar is-26 ta' Dicembru, 2018, u cioe` dik ta' sentejn (2) prigunerija moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta, tigi fis-sehh stante illi r-reati li dwarhom qed jinstab hati l-akkuzat gew kommessi fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza. B'hekk b'kollox l-imputat ghandu jiskonta l-perjodu ta' **sentejn u ghoxrin xahar prigunerija.**

Ai termini tal-Artikolu 57 tal-Ordinanza dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tipprojbixxi lill-imputat milli jkollu xi liċenzja taħt dan l-Att għal żmien erba snin millum.

Inoltre` ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali tordna l-konfiska w d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti in atti hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni. Tali dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' dawn il-proceduri mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil hati jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti l-ammont ta' **€1,153.37** rapprezentanti spejjez peritali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

Notifika: Registratur tal-Qorti